MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 726/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) kif surrogata, abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u skond il-Ligi, fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha, is-socjeta` Emmanuel Agius u l-istess Emmanuel Agius [714049M].**

**vs**

**Mourad Ben Salem Mabrouk, Vincent Ciantar u Karen Ciantar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Awissu 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fit-8 ta' Novembru 2003, ghall-habta ta' 2.52 p.m., waqt illi Clint Agius kien qed isuq il-vettura di proprjeta' ta' l-attur Emmanuel Agius, bin-numru ta' registrazzioni CTR 016 fi Rue d'Argens, Msida, huwa safa nvolut f'kollizjoni awtomobilistika mal-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk, li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801 di proprjeta' tal-konvenut l-iehor Vincent Ciantar;

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur Emmanuel Agius sofra danni estensivi fil-vettura tieghu, bhala rizultat ta' dan l-incident, ammontanti ghas-somma komplessiva ta' hamest elef tmien mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm 5,855.00) [€13,638.48];

Illi l-istess vettura bin-numru ta' registrazzjoni CTR 016, kienet assikurata mas-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. b'polza tat-tip *comprehensive* ;

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. hallset lill-attur Emmanuel Agius, jew ghan-nom tieghu, is-somma ta' hamest elef seba' mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm5,755.00) [€13,405.54], ammont rapprezentanti d-danni minnu sofferti bhala rizultat ta' l-incident hawn fuq imsemmi;

Illi *inoltre*, l-attur Emmanuel Agius sofra danni fl-ammont ta' mitt Lira Maltin (Lm100.00) [€232.94] rapprezentanti *excess payment* minnu dovut u mhallas lis-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. skond l-istess polza ta' assikurazzjoni;

Illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801 misjuqa mill-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk u proprjeta' tal-konvenut l-iehor Vincent Ciantar kif fuq premess, kienet assikurata mill-istess konvenut Vincent Ciantar

mas-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. b'polza illi kienet tippermetti illi l-istess vettura tigi misjuqa biss u esklussivament mill-istess konvenut Vincent Ciantar u mill-konvenuta l-ohra Karen Ciantar illi jidher illi kellha relazzjoni intima mal-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk;

Illi jirrizulta kjarament illi l-istess konvenuti, jew min minnhom, kisru l-kundizzjonijiet tal-polza relattiva billi jirrizulta illi fil-hin ta' l-incident su-riferit il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801 kienet misjuqa mill-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk;

Illi jsegwi ghalhekk illi s-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. ghandha d-dritt illi titlob illi l-polza ta' assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801 tigi mhassra u annullata, *ai termini* tal-kundizzjonijiet ta' l-istess polza u skond il-Ligi, b'dan illi l-istess socjeta' attrici jkollha d-dritt illi tirkupra minghand il-konvenuti jew min minnhom, l-ammonti kollha minnha sborsati, *ai termini* ta' l-istess polza u skond il-Ligi;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-8 ta' Novembru 2003, fi Rue d'Argens, Msida, bejn il-vettura, bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801 misjuqa mill-istess konvenut, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CTR 016, propjeta' ta' l-attur Emmanuel Agius u misjuqa minn Clint Agius, kif fuq premess;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Emmanuel Agius, is-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100.00) [€232.94], ammont rapprezentanti d-danni minnu sborsati *in linea* ta' *excess payment* skond il-polza ta' assikurazzjoni, *in segwitu* ghall-incident *de quo*;

3. *Previa* d-dikjarazzjoni illi, *ai termini* tal-Polza ta' Assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici sabiex tkopri l-

vettura, bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801, din kellha tigi misjuqa, biss u esklussivament mill-konvenuti Vincent Ciantar u Karen Ciantar, tiddikjara illi l-konvenuti kollha jew min minnhom kisru l-kundizzjonijiet ta' l-istess Polza, u dan *stante* illi fil-hin ta' l-incident su-indikat illi sehh fit-8 ta' Novembru 2003, l-istess vettura kienet qed tinstaq mill-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk;

4. Thassar u tannulla ghalhekk il-Polza ta' Assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici f'isem il-konvenut Vincent Ciantar sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801;

5. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti kollha jew min minnhom, *in solidum* bejniethom, sabiex jindennizzaw pienament lis-socjeta' attrici Mliddlesea. Insurance p.l.c. ghall-ammonti kollha minnha sborsati bhala rizultat ta' l-incident su-riferit, u kwindi jirrimborsawha l-ammont ta' hamest elef seba' mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm 5,755.00) minnha sborsat, jew ammont iehor verjuri raggunt *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandati Kawtelatorji li gew ipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni, flimkien ma' l-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi a fol. 3, 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-18 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-18 ta' Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Ramona Frendo ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti, fuq talba ta' l-attrici awtorizzat in-notifika tal-konvenuti wara l-hinijiet legali u f' kaz ta' ezitu negattiv l-

attrici giet awtorizzata tinnotifika bil-mezz kontemplat fl-Art 187 (3) tal-Kap 12 u l-pubblikazzjoni ghandha ssir f’ zewg gazzetti lokali bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliza. Il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Frar 2006 ghal dan l-iskop.

Rat l-avviz tan-notifika ppubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta’ Jannar 2006 kif jidher a fol. 11 tal-process.

Rat li l-konvenut Mabrouk ghalkemm notifikat bic-citazzjoni ma pprezentax eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Vincent Ciantar u Karen Ciantar datata 26 ta’ Jannar 2006 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti *a tenur* ta’ l-**artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, *stante* illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn il-polza ta’ l-attur Agius u l-eccipjenti illi a bazi ta’ tali polza sar il-hlas;

2. Illi l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi ma humiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna;

3. Illi sussidjarjament l-eccipjenti qatt ma ppermettew u/jew taw il-kunsens taghhom sabiex Mabrouk Mourad Ben Salem isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KRN-801 liema vettura hija propjreta` ta’ Vincent Ciantar.

4. Illi l-eccipjenti Vincent Ciantar u Karen Ciantar ma kisru l-ebda dispozizzjoni u/jew kundizzjoni tal-polza ta’ assikurazzjoni li fid-data ta’ l-incident mertu ta’ din il-kawza, *ossia* fit-8 ta’ Novembru 2003 kienet tkopri il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KRN - 801 u ghaldaqstant ma jistghux jigu kundannati li jindennizzaw lis-socjeta` attrici l-ammonti sborsati mill-istess socjeta` attrici bhala konsegwenza ta’ l-incident *de quo*.

5. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-eccipjenti u l-polza ta’ assigurazzjoni ta’ l-attur Emmanuel Agius;

6. Illi minghjar pregudizzju ghas-sueccepit, id-danni mitluba huma eccessivi u ghandhom jigu stabbiliti bl-opra ta’ perit;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Vincent Ciantar u Karen Ciantar a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat in-nota ta’ Middlesea Insurance datata 30 ta’ Jannar 2006 a fol. 22 tal-process li biha pprezenta zewg avvizi li hargu f’zewg gazzetti lokali.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta ta’ 3 ta’ Frar 2006 u tas-16 ta’ Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Patrick Valentino u Dr. Chris Busietta ghall-konvenuti Ciantar. Inghata digriet ta’ l-affidavit lis-socjeta` attrici b’ terminu ta’ tletin (30) jum. Dr. Ramona Frendo u socjeta` attrici ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm zewg (2) seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-provi kollha tas-socjeta` attrici, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit, u l-provi ta’ l-atturi jigu dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-13 ta’ Gunju 2006.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u bid-dokumenti pprezentati.

Rat in-nota tal-konvenut Vincent Ciantar pprezentata fir-Registru fil-21 ta’ Frar 2007 a fol. 119 tal-process li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u ta’ martu u li gew immarkati bhala Dok. “VC 1” u VC 2”; u nota ohra pprezentata fit-28 ta’ Frar 2007 (fol. 128) li permezz taghha pprezenta l-affidavit originali tal-konvenuta l-ohra Karen Ciantar immarkat bhala Dok “VC 4”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta, mit-13 ta’ Gunju 2006 sat-23 ta’ Ottubru

2007 fejn fl-ahhar seduta meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Ramona Frendo ghall-atturi u Dr. Patrick Valentino ghall-konvenuti Ciantar. Dr. Valentino ddikjara li peress li ma rnexxielux isib is-sentenzi citati fil-verbal tal-10 ta' Ottubru 2007 huwa ser jirrinunzja ghall-prezentata ta' l-istess. Dr. Ramona Frendo, ghas-socjeta` attrici, talbet li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lis-socjeta` attrici biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2008.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi datata 23 ta' Novembru 2007 kif tidher a fol. 166 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok l-ewwel zewg talbiet attrici jikkoncernaw ir-responsabbilta' dwar l-incident li gara fit-8 ta' Novembru 2003 f'Rue D'Argens, Gzira bejn il-vettura Reg. No. KRN – 801 misjuqa minn konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk u l-vettura Reg. No. CTR – 016 proprjeta' ta' Emmanuel Agius u misjuqa minn Clint Agius, u fejn fl-istess talbiet qed jigi mitlub li l-istess konvenut Mabrouk jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident u sabiex huwa jigi kkundannat ihallas lill-attur Emmanuel Agius l-ammont ta'

*excess payment,* li l-istess kellu jhallas bhala *excess* ghall-polza ta' assigurazzjoni tieghu mas-socjeta' attrici; ma dan hemm il-hames talba sabiex il-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici Middlesea Insurance p.l.c. l-ammont ta' Lm5,755 [€13,405.54] rappresentanti ammont li l-istess socjeta' halset lill-assigurat taghha Emmanuel Agius taht polza ta' assigurazzjoni *"comprehensive".*

Illi mhux kontestat li l-kollizzjoni sehhet fit-8 ta' Novembru 2003 fis-2.52a.m. f'Rue D'Argens, Msida bejn il-vettura Reg Nru CTR - 016 misjuqa minn Clint Agius u l-vettura Reg Nru KRN - 801 misjuqa minn Mourad Ben Salem Mabrouk b'dan li l-vettura CTR 016 misjuqa minn Clint Agius kienet proprjeta' ta' missieru Emmanuel Agius li kienet assikurata mal-Middlesea Insurance plc. Il-vettura KRN - 801 hija proprjeta' tal-konvenut Vincent Ciantar li kienet assikurata minnu mal-Middlesea Insurance b'polza li kienet tippermetti li l-vettura tinsaq biss u esklussivament mill-konvenut Vincent Ciantar u mill-konvenuta l-ohra Karen Ciantar. Dakinhar ta' l-incident il-karozza KRN 801 kienet misjuqa minn Mabrouk.

Illi s-sewwieq tal-karozza Reg Nru CTR 016, Clint Agius, dwar id-dinamika tal-incident xehed li huwa kien qieghed ghaddej minn Rue D'Argens mill-Imsida direzzjoni Gzira ghal xi s-saghtejn ta' filghodu. Huwa xehed hekk:-

*"Hin minnhom jien rajt dawl minn side street imbaghad kien hemm l-impatt u jien kelli blackout ta' sekonda".* Huwa xehed li meta qala d-daqqa kien miexi. Id-daqqa tal-karozza kienet fuq in-naha tal-lemin *front mudguard.* Bl-impatt telghet il-bankina u habtet mal-hajt fuq ix-xellug. Dan il-moviment kien lagenba cioe' il-karozza giet imbuttata lagenba mil-lemin ghax-xellug.

Illi mill-okkorrenza ezebita (a fol.34 tal-process) jirrizulta li s-sewwieq tal-karozza KRN - 801, Mabrouk dwar kif sehh l-incident qal *"Upon emerging from Sawmill street into Rue D'Argens collission occurred".* Filwaqt li s-sewwieq tal-vettura CTR- 016 iddikjara li *"he was driving along Rue D'Argens, Collission occurred when KRN 801 emerged from Sawmill street".*

Illi ghalhekk hawnhekk kien hemm sitwazzjoni fejn *side-road user* ried jizbokka ghal go triq principali. Illi r-regolamenti tat-traffiku naxxenti mill-*Highway Code* applikabbli ghall-kaz in kwistjoni huma s-segwenti:-

**paragrafu 212:** *"Jekk ma jkunx muri xort'ohra, it-traffiku fit-triq principali ghandu d-dritta fuq it-traffiku illi jkun qed jaqsam, li jkun diehel, jew illi jkun se jhalli t-triq principali".*

**paragrafu 213:** *"F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku illi jkun ghaddej fi, jew illi jkun hiereg minn, it-triq principali".*

Illi fis-sentenza **"Maggur Alfred Stagno Navarra vs Nicola Saliba et"** (A.C. – 27 ta' Novembru 1961) intqal li s-*side-road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road,* li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, u li jimxi *dead slow,* u sahansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-*main road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent fil-*cross roads,* imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user,* ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffku, imma jkun miexi fuq triq dritta.

Illi relevanti wkoll ghall-vertenza odjerna hija s-sentenza **"Maria Vella Galea vs Oreste Sammut"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 1998) peress li mill-iskizz (a fol. 49 – Dok. "GB 6") jirrizulta li Mabrouk hareg minn fuq *stop sign.* L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell osservat li:-

*"F'dan il-kuntest, jassumi mportanza determinanti l-istop sign fil-punt imnejn ikun hiereg il-konvenut. Mhux biss ghaliex hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien se jirfes u jittraversa triq principali imma ukoll ghaliex jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jieqaf ihares biex jesplora t-triq principali u ma jazzardax jirfes fuqha jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu illi ppermetta t-traffiku fuq it-triq principali li jghaddi u li jkun jista' jirfes fuq it-triq principali bla ma jtellef b'xi mod lill-utenti ta' dik it-triq;*

*'When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides: 'Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road'. If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver' (The Law of Negligence, Charlesworth 2nd Edition – pagni 82 et seq);"*

Illi jinghad li din il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni dwar ir-responsabbilta' tal-incident in kwistjoni ghandha thares lejn min kien il-kawza prossima tal-istess incident. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dak li kkawza s-sinistru kien proprju is-sewqan negligenti tal-konvenut Mabrouk li hareg minn *side road* ghal fuq *main road.* Dan meta huwa kellu josserva *a proper look out* u kellu jittanta l-manuvra b'mod li ma jostakolax u lanqas ma jipperikolax lill-utilisti l-ohra tat-triq. B'hekk il-konvenut naqas li jaghti d-dritta ghal min kien fuq it-triq principali u b'hekk kiser il-*flow of traffic* minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jittraversa l-istess triq biss meta jkun assigura ruhu li ma hemm ebda periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq principali, li ghandhom dritta fuq il-karozza tal-konvenut Mabrouk li kienet hierga minn triq sekondarja. Dan irrendi l-istess konvenut responsabbli ghall-incident *de quo* u dan apparti li jirrizulta wkoll li fil-hin tal-incident kellu riha ta' alkohol u kien qed isuq minghajr licenzja tas-sewqan (Dok. "JM") u dan ikompli juri t-traskuragini *da parte* tal-istess konvenut Mabrouk. F'dan is-sens l-ewwel, it-tieni u l-hames talba attrici qed jigi milqugha fil-konfront tal-konvenut Mabrouk, anke peress li l-istess spejjez indikati fit-tieni u fil-hames talba attrici jirrizultaw ippruvati anke peress li l-vettura indikata spiccat *total loss* u l-ammont ta' danni jirrizulta mid-dokumenti "GB 1" sa Dok. "GB 5" (fol. 38 – 44).

Illi minn hawn wiehed jghaddi ghat-tielet, raba, u hames talbiet attrici inkwantu jikkoncernaw il-konvenuti Vincent u

Karen Ciantar fejn is-socjeta’ attrici qed titlob li jigi ddikjarat li peress li fil-mument tal-incident il-karozza Reg. No. KRN – 801 kienet misjuqa minn Mabrouk, l-istess konvenuti ghalhekk kissru l-kondizzjonijiet tal-polza li kienet tkopri biss is-sewqan ta’ Vincent u Karen Ciantar, u b’hekk konsegwenti ghall-istess qed tintalab it-thassir tal-istess polza u li allura tikkundanna lill-konvenuti Ciantar ukoll sabiex jirrimborsaw lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm5,755 [€13,405.54] li hija sborsat kawza ta’ l-incident imsemmi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kemm il-karozza Reg. No. CTR – 016 proprjeta’ ta’ Emmanuel Agius u kemm il-karozza Reg. No. KRN – 801 kienu koperti taht poloz *comprehensive* mal-istess socjeta’ attrici; illi jirrizulta wkoll li l-hlas tad-danni sofferti mill-karozza CTR – 016 thallsu lill-assigurat Emmanuel Agius a bazi tal-polza ta’ assikurazzjoni *comprehensive* li huwa kellu mas-socjeta’ attrici u dan jirrizulta mill-premessi tal-istess citazzjoni (r-raba’ paragrafu) u wkoll mix-xhieda prodotta f’din il-kawza.

Illi jirrizulta wkoll li l-karozza l-ohra kienet ukoll koperta b’polza ta’ assikurazzjoni *comprehensive* mas-socjeta’ attrici u din il-polza kienet mahruga f’isem Vincent Ciantar sabiex tkopri l-vettura Reg Nru KRN 801 u jirrizulta li skond il-kundizzjonijiet tal-polza l-istess konvenut Vincent Ciantar (Dok. “SM” - fol 37) u Karen Ciantar kellhom ikunu l-*authorised drivers* u dan huwa kkonfermat minn Vincent Ciantar innifsu fl-affidavit tieghu (a fol.120 tal-process).

Illi m’hemmx dubju lanqas li dakinhar tal-incident is-sewwieq tal-vettura Reg Nru KRN 801 kien il-konvenut Mabrouk li ma kienx *an authorised driver* skond il-polza ta’ l-assigurazzjoni. Minhabba f’dan il-fatt is-socjeta’ attrici ssostni li ladarba din il-vettura assigurata kienet misjuqa minn persuna mhux awtorizzata jsegwi li l-konvenuti Ciantar kisru l-kundizzjonijiet tal-polza taghhom.

Illi l-konvenuti Ciantar eccepew li huma qatt ma ppermettew u/jew taw il-kunsens taghhom sabiex Mabrouk isuq il-vettura Reg Nru KRN 801 u kwindi huma ma kisru l-ebda kundizzjoni tal-polza ta’ assigurazzjoni.

Illi Vincent Ciantar xehed li l-karozza kienet registrata f’ismu u din kellha tinsaq biss minn bintu Karen. Fl-affidavit taghha l-konvenuta xehdet dwar kif saret taf lil Mabrouk fuq il-post tax-xoghol u minhabba n-natura tax-xoghol taghha. Hija qalet li dak iz-zmien tal-incident hija kienet tahdem f’Suret il-Bniedem bhala *residential care worker* kemm fix-*shelter* tan-nisa kif ukoll f’dak ta’ l-irgiel. Fix-*shelter* tan-nisa kien hemm mart Mabrouk u bintu minhabba l-aggressivita’ tieghu. Eventwalment Mabrouk innifsu sar residenti fix-*shelter* ukoll.

Illi Karen Ciantar  tghid li dakinhar tal-incident hija kienet xoghol u Mabrouk mar jara lil martu. Hekk kif il-konvenuta spiccat ix-*shift* taghha fid-9.30p.m. bdiet miexja ghall-karozza taghha u f’daqqa wahda sabitu ma’ wiccha. Huwa beda jsegwiha kontra x-xewqa taghha u riedha twasslu imma hija rrifjutat. Eventwalment ipprecedieha fil-post fejn il-vettura taghha kienet ipparkeggjata, dahlilha fil-vettura taghha, qabadha minn idha u b’mod aggressiv, ipprova jdahhalha fil-karozza mieghu u hija ssieltet mieghu u rnexxielha tahrab. Hija b’hekk telqet u marret id-dar taghha u saret taf bl-incident meta ommha cemplitilha fit-tlieta ta’ filghodu. Hija tichad li kienet it-tfajla tieghu.

Illi in kontro-ezami Karen Ciantar xehdet li ma rraportatx lill-Pulizija dwar l-allegata serq tal-karozza taghha ghaliex kienet bezghana. Hija assumiet li meta harbet minn Mabrouk, il-karozza baqghet hemm ghax hija kienet taf li Mabrouk ma setax isuq f’Malta. Meta mbaghad marret l-Ghassa ta’ l-Imsida mal-genituri taghha l-Pulizija qalulha biex tmur l-ghada biex taghti l-i*statement* taghha peress li minhabba l-komportament ta’ Mabrouk hija ma setghetx titkellem.

Illi Vincent Ciantar min-naha tieghu xehed li l-karozza kienet issuqha biss bintu Karen u dejjem kienet fil-pussess taghha. Bintu kienet ilha diversi xhur li telqet mid-dar biex tmur tghix ghal rasha. In kontro-ezami xehed li dakinhar tal-incident huma u sejrin l-Ghassa tal-Pulizija huwa staqsa lit-tifla x’kien gara u hija qaltlu li Mabrouk kien aggressiv maghha u pprova jdahhalha gol-karozza u

hi harbet izda huwa ma hassx il-bzonn li jinforma lill-Pulizija dwar dan.

Illi dwar il-versjoni li Karen Ciantar tat dwar dak li gara din il-Qorti thoss li mhiex kredibbli. Infatti mill-okkorrenza li diga' saret referenza ghaliha precedentement jirrizulta li fl-i*statement* taghha li tat lill-Pulizija l-ghada tal-incident Karen Ciantar iddikjarat li *'she is the actual owner of the vehicle and had given the car key to Mabrouk yet was unaware that Mabrouk did not possess a valid driving licence. She had also stated that when she handed over the key, Mabrouk was not under the influence of alcohol".*

Illi gie prodott bhala xhud is-Surgent Maggur 1373 John Micallef li ha l-i*statement* ta' Karen Ciantar u kkonferma dak li huwa mnizzel fl-okkorrenza cioe' li Karen Ciantar kienet tat ic-cavetta hija stess lil Mabrouk. Fl-ebda mument ma semmiet li kienet saret xi aggresjoni min-naha tieghu.

Illi pero' kif diga' inghad din il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta harget b'din il-versjoni wara li rrealizzat li kienet se tidhol fl-inkwiet. Jezistu hafna diskrepanzi fix-xhieda li tat fl-affidavit taghha u f'dik li tat in kontro-ezami kif ukoll fl-i*statement* li tat lill-Pulizija. L-aktar diskrepanza mportanti u li titfa' dawl fuq il-kredibbilta' ta' Karen Ciantar hija li filwaqt li lill-Pulizija qaltilhom li ma kenitx taf li Mabrouk ma kellux licenzja in kontro-ezami xehdet li kienet taf.

Illi gew esebiti minnha diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn, fost diversi akkuzi, irrizulta ppruvat li huwa bniedem aggressiv u li huwa non-kuranti u non-osservanti tal-ligijiet. Irrizulta wkoll li nstab hati li ssekwestra u hedded bi strument li jaqta' lill-istess konvenuta Karen Ciantar (26/10/2004) izda dawn l-incidenti sehhew ferm wara l-incident awtomobilistiku mertu tal-vertenza odjerna. Inoltre' jigi sottolineat li f'dawk ic-cirkostanzi Karen Ciantar ma bezghetx tirrapporta lil Mabrouk lill-Pulizija meta kienet ben konxja tal-aggressivita' tieghu u ma bezghetx. Din il-Qorti hija perswaza li Karen Ciantar minkejja li kienet taf li

Mabrouk ma kellux licenzja tas-sewqan, hija xorta tatu c-cavetta tal-karozza taghha u dan bi ksur lampanti tal-kundizzjoni tal-polza.

Illi Karen Ciantar xehdet fl-affidavit taghha li hija ma kenitx taf li l-polza mahruga fuq il-vettura Reg Nru KRN 801 kienet tkopri biss zewg *authorised drivers.* Apparti li din l-asserzjoni mhux kredibbli, pero' din l-allegazzjoni ta' injoranza ma tistax tigi nvokata minnha bhala gustifikazzjoni ghall-fatt li hija ppermettiet persuna mhux awtorizzata sabiex issuq il-vettura u dan anki b'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Avv Dr Franz Refalo noe vs Paul Caruana"** (P.A. (JSP) - 5 ta' Otturbu 1995).

Illi ghar-rigward tal-ksur ta' kundizzjoni min-naha ta' Vincent Ciantar, kif qalet tajjeb is-socjeta' attrici, huwa ghazel li jirregistra l-vettura KRN 801 f'ismu, b'awtorizzazzjoni ghal sewwieq wiehed iehor biss (bintu Karen) bl-intenzjoni li jakkwista *premium* aktar baxx ghall-assigurazzjoni minhabba li bintu ma kenitx ghalqet hamsa u ghoxrin sena. Huwa assuma wkoll l-obbligu li jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-polza u li jkun vigilanti dwar l-istess. Irrizulta b'mod car li dan ma sehhx min-naha tieghu u allura jsegwi li anki huwa kiser il-kundizzjoni tal-polza.

Illi tali ksur tal-kundizzjoni tal-polza min-naha tal-konvenuti Ciantar twassal lil din il-Qorti biex tiddikjara li hemm ragunijiet bizzejjed li l-polza tal-assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici f'isem il-konvenut Vincent Ciantar tigi mhassra u b'hekk it-tielet u r-raba' talba attrici qed jigu milqugha.

Illi konsegwenti ghal dan is-socjeta' attrici ssostni li ghandu jigi applikat il-principju li meta jkun hemm ksur fil-polza ta' assigurazzjoni relattiva ghall-vettura misjuqa minn dak li jkun jahti ghall-incident, allura tinholoq responsabbilta' solidali bejn dak li jkun jahti ghall-incident, u dak li jkun ta lok ghas-sitwazzjoni fejn dak li jkun sofra d-danni ma jkunx jista' jithallas tal-hsara li huwa jkun sofra u dan anke ghaliex ma jkunx jista' jigi stabbilit il-bicca tad-dannu li kull wiehed ikun ikkaguna bl-ghemil tieghu (**artikolu 1050**) - u ghalhekk min isofri d-danni ghandu

rimedju mhux biss kontra min ghamel hsara bil-karozza (is-sewwieq) imma anke kontra min naqas li jassikura l-vettura jew min naqas li josserva l-kondizzjonijiet tal-polza, u din ir-responsabbilta' hija solidali b'mod li min isofri l-hsara jista' jdur ghall-hlas taghha kontra min irid hu jigifieri l-wiehed jew l-iehor (**Vol. XXXIV.iii.605).** Dan ghaliex il-ligi trid ukoll li xi hadd ikun responsabbli ghall-hlas ta' danni u allura f'dan il-kaz ukoll taqa' f'idejn min naqas li jipprovdi assikurazzjoni skond il-ligi – u ghalhekk f'kazi bhal dawn min ibati l-hsara ghandu d-dritt li jdur ghall-hlas taghha kontra min jidhirlu hu, jigifieri min ikkaguna dirett il-hsara u min naqas li jpoggih f'posizzjoni li jkun jista' jithallas bla dewmien **("Michele Palmier proprio et vs Nazzareno Zammit e**t" – P.A. (JCC) – 27 ta' Gunju 1950).

Illi jigi rilevat li dan il-principju huwa wkoll applikabbli ghall-kaz odjern u dan peress li jirrizulta li s-socjeta' attrici ghamlet l-azzjoni bhala surrogata wkoll tal-assigurat taghha Emmanuel Agius kontra l-konvenuti Ciantar, li min-naha taghhom peress li ma osservawx il-kundizzjonijiet tal-polza taghhom billi hallew lill-terza persuna mhux awtorizzata issuq il-karozza taghhom u ghaliex allura ma kellhomx il-karozza taghhom koperta b'polza ta' assugurazzjoni skond l-ligi, rrendew ghal persuna li soffriet id-dannu difficli milli tagixxi kontra taghhom u b'hekk is-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha ma tistax tipprocedi sabiex tirkupra d-danni li hija hallset minghand min ikkawza l-hsara u dan minhabba n-nuqqasijiet tal-istess konvenuti, kif inghad kemm minhabba li ma rrispettawx il-polza, u ma osservawx il-ligi dwar l-assikurazzjoni (Kap 104) u wkoll naqsu milli jaghmlu xi haga li kienu obbligati li jaghmlu skond il-ligi anke skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1033 tal-Kap 16** u allura hawn japplikaw il-principji ddikjarati fil-kawzi **"Hugh P. Zammit noe vs John Mifsud et"** (P.A. (AJM) – 1 ta' April 2005 - Citaz. Nru. 2256/98) konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2005, **"Carmelo Schembri vs John A. Davies** (P.A. (A.M.) – 24 ta' Gunju 1955), u **"Dr. Franz Refalo nomine vs Paul Caruana"** (P.A. (JSP) – 5 ta' Ottubru

1995) li tali persuni huma responsabbli wkoll solidalment ghad-danni.

Illi s-sottomissjoni li l-hlas lil Emmanuel Agius sar a bazi tal-polza li dan kellu mas-socjeta’ attrici ma jbiddel xejn minn dak hawn indikat, ghaliex is-socjeta’ attrici bhala surrogata fid-drittijiet ta’ min hallset ghad-danni kellha d-dritt li tiehu d-danni lura minghand min ikkawza l-hsara u wkoll min ghand dawk il-persuni li ppermettew lill-konvenut Mabrouk isuq l-istess karozza meta kienu jafu li din il-persuna ma kenitx awtorizzata li ssuq tali karozza skond il-polza ezistenti u wkoll b’hekk kienu konxji tal-fatt li tali karozza lanqas kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni skond il-ligi, u b’hekk kien hemm ksur tal-ligi nkluz il-Kap 104 u wkoll nuqqas fit-termini tal-**artikolu 1033 tal-Kap 16.**

Illi ghalhekk il-principji hawn enuncjati ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuti Ciantar, u l-fatt li s-socjeta’ attrici kienet ukoll is-socjeta’ assikurattrici fil-kaz taghhom ma jbiddel xejn mill-fatt li kien in-nuqqas taghhom li wasal sabiex ma josservawx it-termini tal-polza ta’ assikurazzjoni li kienet veljanti u wkoll li ma josservawx il-ligi, tant li minhabba dan irrendew difficli lis-socjeta’ attrici bhala hekk surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha, li kienet allura l-vittma fl-istess incident, li tithallas tad-danni, b’dan ghalhekk li kieku l-istess attur Agius ma kellux polza ta’ assikurazzjoni adegwata kien jibqa’ bla ma jista’ jigi ndemnizzat ghad-danni li soffra – danni kkawzati minn min kien involut fl-incident u minn min ippermetta lill-istess li jsuq minghajr polza ta’ assikurazzjoni skond il-polza u l-ligi, u b’hekk allura inholqot responsabbilta’ solidali bejn dak li jkun jahti ghall-incident, u dak li jkun ta lok ghas-sitwazzjoni, fejn dak li jkun sofra d-danni ma jkunx jista’ jithallas tal-hsara li huwa jkun sofra.

Illi dan il-principju ma ghandu jsofri l-ebda eccezzjoni meta bhal kaz odjern is-socjeta’ attrici kienet l-istess socjeta’ assikuratrici ghall-konvenuti Ciantar fil-kawza odjerna, u dan ghaliex l-istess socjeta’ attrici qed tagixxi wkoll bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Emmanuel Agius, li kellu d-dritt ifittex kemm min

direttament ghamillu l-hsara permezz tal-kollizzjoni *de quo* u kif ukoll kontra l-persuni li kissru l-kondizzjonijiet tal-polza taghhom billi hallew persuna mhux koperta b'assikurazzjoni skond il-ligi sabiex isuq il-vettura hekk involuta f'dan l-incident u allura t-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha anke fil-konfront tal-konvenuti Ciantar.

Illi mhux hekk biss izda dak li jinghad fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti Ciantar effettivament jirrizulta peress it-tielet talba attrici effettivament qed titlob li jigi ddikjarat li l-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq Vincent Ciantar ma kenitx tippermetti li l-istess karozza tinstaq mill-konvenut Mabrouk u huwa konsegwenti ta' dan li tali polza ta' assigurazzjoni qed tigi ddikjarata nulla u bla effett skond ir-raba' talba, u huwa wkoll kawza ta' hekk li gew ukoll ikkawzati danni lill-assigurat tas-socjeta' attrici Emmanuel Agius, li s-socjeta' attrici qed tagixxi bhala s-surrogata tieghu minhabba li effettivament hallsitu d-danni kollha skond il-polza ezistenti tieghu, li b'hekk tatha d-dritt li tagixxi kontra min ikkawza tali danni lill-assigurat taghha u dawn kienu jikkonsistu fil-persuna li kkawzat l-incident u l-persuni li ppermettew li tali vettura tigi misjuqa minn persuna mhux koperta b'polza ta' assigurazzjoni skond il-ligi, anke ghaliex bi ksur tal-polza li huma dahlu ghaliha. B'hekk ukoll id-dikjarazzjoni li l-konvenuti rreferew ghaliha fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom effettivament tinsab fic-citazzjoni attrici u apparti li l-ebda eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ma' tista effettivament u legalment tikkontrasta t-talbiet attrici, ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom u qed jigu milqugha kif proposti.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **u fil-kontumacja tal-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk** u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ciantar, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-8 ta'

Novembru 2003, fi Rue d'Argens, Msida, bejn il-vettura ta' registrazzjoni KRN 801 misjuqa mill-istess konvenut, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CTR 016, proprjeta' ta' l-attur Emmanuel Agius u misjuqa minn Clint Agius;

2) Tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Emmanuel Agius, is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) (Lm100 - mitt lira Maltin), ammont rapprezentanti d-danni sborsati *in linea* ta' *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni, in segwitu ghall-incident *de quo;*

3) Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara li *ai termini* tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801, din kellha tigi misjuqa biss u esklussivament mill-konvenuti Vincent Ciantar u Karen Ciantar, u b'hekk tiddikjara li l-konvenuti Ciantar kisru l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza, u dan *stante* li fil-hin ta' l-incident su-indikat li sehh fit-8 ta' Novembru 2003, l-istess vettura kienet qed tinstaq mill-konvenut Mourad Ben Salem Mabrouk;

4) Tilqa' r-raba' talba attrici billi thassar u tannulla l-polza ta' assigurazzjoni sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRN 801;

5) Tilqa' l-hames talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum* bejniethom sabiex jindennizzaw pjenament lis-socjeta' attrici Middlesea Insurance plc ghall-ammonti kollha minnha sborsati bhala rizultat ta' l-incident su-riferit, u kwindi jirrimborsawha l-ammont ta' tlettax-il elf erba' mija u hames Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€13,405.54) [hamest elef seba' mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm5,755)] minnha sborsati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni, flimkien ma' l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------